REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/891

tas-26 ta' Ġunju 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 447/2014 fir-rigward ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jallinjaw id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera ffinanzjati fil-kuntest tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) b'miżuri speċifiċi b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2014 ([2]), għandhom japplikaw ir-regoli applikabbli għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (KTE) previst fir-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 ([3]) u (UE) Nru 1299/2013 ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) L-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera, kemm fil-qafas tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) u tal-KTE, intlaqtet mill-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 b'mod bla preċedent. Dan ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'miżuri speċifiċi. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jippermettu li l-programmi ta' kooperazzjoni fil-qafas tal-IPA II jikkontribwixxu għar-rispons għall-ħtiġijiet li qed jitfaċċaw b'mod rapidu b'manjiera flessibbli u effettiva fir-rigward tal-aktar setturi esposti, bħall-kura tas-saħħa, in-negozji inklużi l-impriżi żgħar u medji u s-suq tax-xogħol, u b'hekk isaħħu l-irkupru soċjoekonomiku fl-oqsma tal-programmi.

(3) Il-miżuri speċifiċi introdotti mir-Regolamenti (UE) 2020/460 ([5]) u (UE) 2020/558 ([6]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplikaw għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera skont il-KTE u għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera fil-kuntest tal-IPA II, sa fejn l-Artikoli 33 sa 48 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 447/2014 jkunu jirreferu għal dispożizzjonijiet li jkunu ġew emendati mir-Regolamenti (UE) 2020/460 u (UE) 2020/558. Madankollu, huwa xieraq ukoll li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 447/2014 li mhumiex koperti minn dawn il-miżuri speċifiċi.

(4) Sabiex jitnaqqas il-piż fuq il-baġits pubbliċi li jirrispondu għall-pandemija tal-COVID-19, l-awtoritajiet maniġerjali jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà eċċezzjonali li jitolbu rata ta' kofinanzjament ta' 100 % li trid tiġi applikata għas-sena kontabilistika tal-2020-2021, skont l-approprjazzjonijiet tal-baġit u soġġett għall-finanzjament disponibbli.

([1]) ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2014 tat- 2 ta' Mejju 2014 dwar ir-regoli speċifiċi tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 32).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi ohra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5)

([6]) Ir-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1).

(5) Sabiex tiġi pprovduta aktar flessibbiltà fl-indirizzar tal-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li tiġi pprovduta aktar flessibbiltà lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-programmi, u jenħtieġ li tiġi pprovduta proċedura simplifikata li ma tkun teħtieġ deċiżjoni tal-Kummissjoni għal bidliet fil-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera. L-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni dwar bidliet bħal dawn jenħtieġ li tiġi ċċarata.

(6) Meta titqies l-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mal-pandemija tal-COVID-19, ikun xieraq li l-applikazzjoni tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament titħalla ssir minnufih, u għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament jiddaħħal fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 447/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri li għalihom hemm provvediment f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-IPA II imwaqqaf mir-Regolament (UE) Nru 231/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 447/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 28, jiddaħħal paragrafu ġdid 2a:

"2A. Permezz tad-deroga għall-paragrafu 2, fuq talba tal-awtorità maniġerjali, tista' tiġi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100% għan-nefqa ddikjarata f'applikazzjonijiet ta' pagament matul is-sena kontabilistika li tibda mill-1 ta' Lulju 2020 u tintemm fit-30 ta' Ġunju 2021 għal assi prijoritarju wieħed jew aktar.

It-talba għall-modifika tar-rata ta' kofinanzjament għandhom jiġu sottomessi skont il-proċedura għall-emendar tal-programmi stabbilita fl-Artikolu 31(5A) u għandhom ikunu akkumpanjati minn programm rivedut. Ir-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għandha tapplika biss jekk l-emenda rilevanti tal-programm ta' kooperazzjoni jiġi approvat mill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim f'konformità mal-Artikolu 135(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Fl-ewwel jum tas-sena kontabilistika li tibda fl-1 ta' Lulju 2021 u tintemm fit-30 ta' Ġunju 2022, ir-rata ta' kofinanzjament għandha tmur lura awtomatikament għal-livell li kienet meta t-talba għall-emendar tar-rata ta' kofinanzjament, msemmija fit-tieni subparagrafu, tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni.".

(2) fl-Artikolu 31, jiddaħħal paragrafu ġdid 5A:

"5A. Permezz tad-deroga mill-paragrafu 5, b'rabta mal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera fil-kuntest tal-punt (a) tal-Artiklu 27, matul il-perjodu ta' programmazzjoni l-awtorità maniġerjali tista' tittrasferixxi ammont sa 8% tal-allokazzjoni mill-1 ta' Frar 2020 ta' prijorità u mhux aktar minn 4% tal-baġit tal-programm għal prijorità oħra tal-istess programm. Tali trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw snin preċedenti.

Dawn għandhom jitqiesu bħala mhux sostanzjali u ma għandhomx jirrikjedu deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm. Madankollu, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha u għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Kumitat konġunt ta' monitoraġġ. L-Istat Membru għandu jinnotifika l-pjan ta' finanzjament riveduti lill-Kummissjoni.

Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal emendi għall-programmi f'dan il-paragrafu.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN